# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 747/97

Alfred McIntyre
vs
Kalaxlokk Construction u b` digriet tad-29 ta` Settembru 1999 Kalaxlokk Company Limited u b` digriet tal-5 ta` Jannar 2000 gew kjamati fir-rikors id-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici u d-Direttur tal-Passaporti

Illum 7 ta` Novembru, 2000.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz ghall-habta tan-1988 ir-rikorrenti sofra pregudizzju u ngustizzja konsistenti fil-fatt illi gie ngustament u ghall-ebda raguni trasferit.

Illi l-fatti tal-kaz fis-semplicita' taghhom kien s-segwenti:

Illi r-rikorrent dahal fl-ingagg tas-Servizz Pubbliku fl-1971 u sal-1989 kien jokkupa l-kariga ta' Chief Security fid-Dipartiment tax-xogholijiet Pubblici. Fl-istess perjodu kien jokkupa fl-istess kariga u jippresta l-istess servizzi kontemporanjament lil Kalaxlokk Construction Limited.

Illi kif sehhet il-bidla fl-amministrazzjoni fis-sena 1987, ir-rikorrenti beda jisfa l-mira ta' diskriminazzjoni u tortura mentali u psikologika konsistenti fl-arrest tieghu minghajr ebda raguni valida, li jinzamm ghall-interrogatorji minghajr ma jkun ikkommetta xejn jigi mitlub sabiex jixhed kontra persuni biex jinholoq frame-up fil-konfront ta' terzi, nintbaghtu niex apposta sabiex jixtru hwejjeg li kienu mizmuma fl-istores tal-Kalaxlokk li kienu jaqghu taht ir-responsabbilita' tar-rikorrenti u gew imnizla diversi charges fil-file personali tieghu li huwa qatt ma kommetta u ghall-liema huwa qatt ma deher quddiem xi Bord biex jirrispondi ghalihom fost tattici ohra.

Illi fis-sena 1988 huwa gie dirett jippresta s-servizzi tieghu mal-PAPB u apparti l-fatt illi l-posizzjoni gdida tieghu ma kellha xejn x'taqsam u ma tirriflettix il-grad tieghu ta' Chief Security, huwa gie sottomess ghall stress mentali stante illi gie mwarrab f'area maqtugha ghalih wahdu u ma jaghmel xejn.

Illi f'dan l-istess perjodu huwa, bhal haddiema ohra kien jaghmel ghadd ta' sieghat zejda sabiex jaghmlu tajjeb ghall-hin tas-sajf , pero' meta huwa gie biex igawdi dan il-beneficcju gie moghti nkariku iehor, kontemporanjament ma' dak tal-PAPB mad-Dipartiment tal-Passaporti b'mod illi huwa kien kostrett jibqa wara s-1.30 pm meta kulhadd ikun telaq u qieghed igawdi s-sieghat zejda li hadem liema sieghat ir-rikorrenti kien gie ghamel totalment ghal xejn.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrenti bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent, filwaqt li ghamel referenza ghall-fuq espost u jirriserva illi jressaq dawk il-prova l-ohra kollha li jistghu jkunu necessarji u opportuni talab lil dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta Ingustizzji u jinghata rimedju billi:

(1) jigi dikjarat illi fil-konfront tieghu gew kommessi ngustizzji;

(2) jigu rtirati c-charges entrati fil-file personali tieghu u ghal-liema charges huwa qatt ma kellu l-opportunita' illi jirrispondi;

(3) jinghata rimedju fl-ammont ta' Lm5000 sabiex jaghmlu tajjeb ghal dak kollu li r-rikorrent sofra ngustament.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tas-socjeta' Kalaxlokk Co. Ltd. li eccepiet illi r-rikors sar kontra il-Kalaxlokk Construction. Lis-socjeta' intimata ma jirrizultalux li qatt kienet tezisti xi kumpanija b'dan l-isem. Certament illum din il-kumpanija ma tezistix. Illi ghalhekk, galadarba r-rikors tar-rikorrent sar kontra persuna li ma tezistiex, t-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Ghal kull buon fini tal-ligi u subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak li diga ntaqal il-Kalaxlokk Company Limited esponiet s-segwenti:

Illi dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni biex jiddeciedi dwar it-talba tar-rikorrent fir-rigward tas-socjeta' intimata stante li l-ilment tar-rikorrent ma jinkwadrax ruhu fl-artikolu 6 tal-Att VIII tal-1997. Infatti l-allegazzjonijiet tar-rikorrent fir-rigward tas-socjeta' intimata ma jinkwadrawx rwiehhom fl-ebda wiehed mil-paragrafi (a) sa (e) ta' l-ewwel subinciz ta' l-imsemmi Artikolu 6. Ir-rikorrent allega li sofra ingustizzji billi gie trasferit minn fuq il-post tax-xoghol tieghu. Huwa car li din l-allegazzjoni ma taqax taht l-ebda wiehed mill-paragrafi (c) sa (e) tal-imsemmi subinciz. L-allegazzjoni tar-rikorrent lanqas ma tinkwadra ruhha la taht il-paragrafu (a) u lanqas taht il-paragrafu (b) ta' l-imsemmi subinciz (1) tal-artikolu 6 tal-Att in kwistjoni.

Il-paragrafu (a) infatti jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici. Skond l-artikolu 2 tal-att in kwistjoni "ufficjal pubbliku" ghandha l-istess tifsir kif moghti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni. Ma jistax ikun hemm dubbju li

r-rikorrent kien ufficjal pubbliku u dan ghax hu kien impjegat mill-Gvern mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici bhala Chief Security. Lanqas ma jista jkun hemm dubbju li r-rikorrent baqa' hekk impjegat anke meta huwa kien sekondat ma' Kalaxlokk Company Limited. Ir-rikorrent qatt u fl-ebda mument ma kien impjegat tas-socjeta' intimata. Il-fatt li r-rikorrent gie sekondat minn mad-dipartiment tax-Xogholijiet pubblici ghal ma' Kalaxlokk Company Limited ma jfissirx li b'hekk ir-rikorrent sar l-impjegat ta' din il-kumpanija. Huwa ovvju li s-socjeta' kummercjali, anke jekk il-gvern ikollu "shareholding" sostanzjali fiha qatt ma tista' tkun f'posizzjoni li taghti "trasferiment" lill-ufficjal pubbliku u li ghalhekk l-ilment tar-rikorrent ma jinkwadrax ruhu taht dan il-paragrafu.

Similment l-ilment tar-rikorrent ma jistax jinkwadra ruhu taht il-paragrafu (b) ghax kif diga gie spjegat iktar 'il fuq ir-rikorrent qatt ma kien impjegat ta' Kalaxlokk Company Limited u ghalhekk qatt ma seta jinghata transfer mis-socjeta` intimata.

Ghandu jinghad ukoll hawnhekk li r-rikorrent qatt ma giet "trasferit' kif qed jallega. Dak li sehh kien li s-secondment tieghu ma' Kalaxlokk Company Limited gie terminat. Dan zgur li ma jistax jitqies bhala "trasferiment". Ghalhekk l-agir li qed jilment minnu r-rikorrent zgur li ma jinkwadrax ruhhu la taht paragrafu (a) u lanqas taht paragrafu (b) ta' l-imsemmi artikolu ghax terminazzjoni ta' secondment ma hiex kontemplata fl-ebda wiehed minn dawn iz-zewg paragrafi.

Illi galadarba l-ilment tar-rikorrent ma jinkwadrax ruhu taht l-ebda wiehed mill-paragrafi (a) sa (a) tas-subinciz wiehed (1) tal-artikolu 6 tal-att in kwistjoni dan it-Tribunal mhux kompetenti biex jikkonsidra l-ilment tar-rikorrent fir-rigward tas-socjeta` u ghalhekk t-talbiet kollha tar-rikorrent kontra s-socjeta` intimata ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Illi nkwantu ghall-allegazzjonijiet tar-rikorrent li wara l-bidla fl-amministrazzjoni tal-1987 huwa beda jisfa l-mira ta' diskriminazzjoni u tortura mentali u psikologika konsistenti fl-arrest tieghu minghajr ebda raguni valida, li jinzamm ghall-interrogatorji minghajr ma jkun ikkommetta xejn, jigi mitlub sabiex jixhed kontra persuni biex jinholoq frame up fil-konfront ta' terzi huwa ovvju li s-socjeta` ma hix l-legittimu kontradittur u li dan it-Tribunal ma ghandux kompetenza biex jikkonsidra l-ilment tar-rikorrent.  Is-socjeta` intimata ghandha ghalhekk tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez.

Illi similment, inkwantu ghal dak li allega r-rikorrent in konnessjoni mas-secondment tieghu mal-PAPB u mad-Dipartiment tas-passaporti, is-socjeta` intimata ma tista' qatt tkun il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak li diga ntqal, fil-mertu ma saret l-ebda ngustizzja mar-rikorrent mis-socjeta` intimata.

Dan qed jinghad minhabba s-segwent ragunijiet:

(a) Is-socjeta` intimata qatt ma baghatet lil xi "nies apposta sabiex jixtru hwejjeg li kienu mizmuma fl-istores tal-Kalaxlokk". Jinkombi ruq ir-rikorrent li jipprova mod iehor.

(b) Lis-socjeta` intimata ma jirrizultalhiex li gew imnizzla diversi charges fil-file personali tar-rikorrent li huwa qatt ma ikkommetta. Jinghad ukoll li l-file personali tar-rikorrent relattiv ghaz-zmien li huwa dam jahdem fuq il-progett ta' Marsaxlokk mhux fil-pussess tas-socjeta` intimata u ghalhekk it-tieni talba tar-rikorrent qatt ma tista' tigi milqugha.

(c) Illi nkwantu ghall-ilment tar-rikorrent li hu safa "ngustament u ghall-ebda raguni trasferi" jinghad illi r-rikorrent stess jammetti li hu "dahal fl-ingagg tas-Servizz Pubbliku fl-1971 u sal-1989 kien jokkupa l-kariga ta' Chief Security fid-dipartiment tax-xogholijiet Pubblici. M' hemmx dubbju ghalhekk li r-rikorrent kien sempliciment sekondat mas-socjeta` inkarigata mill-progett ta' Marsaxlokk. Min-natura tieghu stess secondment huwa arrangament ta' natura temporanja li jirrifletti esigenzi partikolari ta' xoghol. Secondment qatt ma huwa arrangament permanenti. Ir-rikorrent kien jaf jew kien imissu jaf allura li Kalaxlokk Company Limited ma kellhiex bzonn is-servizzi tieghu permanentement u li kien ser jasal zmien meta kien ser imur lura ghax-xoghol normali tieghu mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici. Ghalhekk ir-rikorrent ma jistax issa jargumenta li t-tmiem tas-secondment tieghu minn ma' Kalaxlokk Company Ltd. jammonta ghal "trasferiment" u wisq inqas ghal ingustizzja kif kontemplata mill-

Att specjalment meta s-secondment temporanju tieghu kien tawwal ghal ftit inqas minn ghoxrin sena.

Ir-rikorrent jallega li t-tmiem tas-secondment tiegh (jew “transfer” kif isejjahlu hu) kien “ngust’ u “ghall-ebda raguni”. Certament jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova dak li qed jallega. Inoltre, ghandu jigi rilevat li mill-1988 sal-lum, il-haddiema involuti fil-progett tal-bini tal-Freeport naqsu minn izjed minn elf u sitt mitt (1600) bniedem f’April ta’ l-1987 ghal anqas minn hames mija (500). Meta wiehed jiehu kont ta’ dan il-fatt, l-allegazzjoni tar-rikorrent li s-secondment tieghu gie terminat minhabba mottiv politiku zgur li ma tistax treggi. Il-fatti juru l-verita’ u l-verita’ hi li l-kumpanija rejalizzat li kellha workforce (bejn impjegati u haddiema sekondati maghha minn mal-Gvern) iktar milli kellha bzonn u ghalhekk ddeciediet li bil-mod il-mod tnaqqas il-workforce taghha skond il-htigijiet tax-xoghol.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet jidher car li r-rikorrent ma sofra l-ebda ngustizzja meta s-secondment tieghu ma Kalaxlokk Company Limited gie terminat u ghalhekk it-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Ra l-elenku tax-xhieda tas-socjeta` intimata.

Ra r-risposta tad-Direttur tad-Dipartiment tar-Registrazzjoni Civili u tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici li eccepew illi:

Fl-ewwel lok, ir-rikors ghall-kjamat fil-kawza sar fl-4 ta` Jannar, 2000 b` dan illi jirrizulta ghalhekk ampjament illi r-rikors fl-ismijiet fuq premessi gie prezentat tardivament u mhux skond l-Att Nru. VIII ta` l-1997 fil-konfront ta` l-intimati Direttur tad-Dipartiment tar-Registrazzjoni Civili u tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici. Illi ghalhekk l-intimati odjerni ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma jirrizultax lill-intimat Direttur tad-Dipartiment tar-Registrazzjoni Civili illi qatt kien jezisti l-ufficcju tad-Direttur tal-Passaporti. Illi ghalhekk stante li ntalbet il-kjamat fil-kawza tad-Direttur tal-Passaporti, u li kif diga ntqal dan l-ufficcju ma jezistix, it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu fir-rigward ta` l-intimat Direttur tad-Dipartiment tar-Registrazzjoni Civili.

Illi fil-mertu, l-ebda ammont ma hu dovut mill-intimati lir-rikorrent.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-lista tax-xhieda tal-kjamati fil-kawza.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema` l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi din id-decizzjoni hi dwar diversi eccezzjonijiet preliminari.

1. It-Tribunal sejjer l-ewwel jiddecidi dwar l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tad-Dipartiment tar-Registrazzjoni Civili u tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici u cioe' li r-rikors ghall-kjamati fil-kawza sar fl-4 ta` Jannar, 2000 b`din illi jirrizulta ghalhekk ampjament illi r-rikors fl-ismijiet fuq premessi gie prezentat tardivament u mhux skond l-Att Nru. VIII ta` l-1997 fil-konfront ta` l-intimati Direttur tad-Dipartiment tar-Registrazzjoni Civili u tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici u li ghalhekk l-intimati odjerni ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Fil-kawza fl-ismijiet "Victor Caruana vs Dipartiment tax-Xogholijiet et" deciza mit-Tribunal fl-1 ta' Novembru, 2000, it-Tribunal qal:

"Dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' Kalaxlokk u cioe' dwar l-artikolu 9 ta' l-Att VIII ta' l-1997 u t-talba li l-ilment fil-konfront taghha ma jigix ikkunsidrat minn dan it-Tribunal u ghandu jigi michud stante li hija ma gietx notifikata fit-terminu tal-ligi li ghalhekk l-azzjoni in kwantu qed tigi diretta issa fil-konfront tax-socjeta' Kalaxlokk hija tardiva, irregolari u insostenibbli fil-konfront ta' l-istess.

Il-kjamat in kawza sostna li n-nuqqas tar-rikorrent li jintavola ilment fil-konfront taghha fiz-zmien preskritt mill-ligi ma jistax

u ma ghandux jigi sanat permezz ta kjamata in kawza wara li ghalaq l-istess zmien. Tagha l-ezempju dwar proceduri normali quddiem il-Qrati Civili, jekk attur jezercita l-azzjoni redibitorja kontra konvenut fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur stabbilit mil-ligi u ferm wara l-gheluq tas-sitt xhur jhidhirlu illi l-venditur ma kienx il-konvenut izda terza persuna jew li l-konvenut ma kienx l-uniku venditur izda kien hemm ukoll terza persuna ohra ma jistax b'success, jikkjama in kawza tali terza persuna wara d-dekors tas-sitt xhur ghax il-perjodu perentorju jkun skada.

L-Att VIII ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, dahal fis-sehh fit-2 ta' Gunju 1997 permezz ta' Avviz Legali 63 ta' l-1997….

L-artikolu 9 ta' l-Att VIII tal-1997 jghid:
"M'ghandux jigi accetta ilment taht dan l-Att jekk l-ilment isir wara li jghaddu sitt xhur mid-data tal-bidu fis-sehh ta' dan l-Att." Skond l-artikolu 7 (1) ta' l-Att "L-ilmenti quddiem it-Tribunal jitressqu permezz ta' rikors…". L-artikolu 1 jsemmi li "l-Att ghandu jidhol fis-sehh f'dik id-data li l-Prim Ministru jista' jistabbilixxi b'avviz fil-Gazzetta tal-Gvern". Permezz ta' l-Avviz Legali 63 tal-1997 "il-Prim Ministru stabbilixxa t-2 ta' Gunju, 1997 bhala d-data meta d-disposizzjonijiet kollha ta' l-imsemmi Att ghandhom jidhlu fis-sehh. Dan kollu jwassal li kull minn kellu xi ilment xi jressaq taht il-provvedimenti ta' l-Att VIII tal-1997 kellu jipprezenta r-rikors

tieghu sa sitt xhur wara l-bidu fis-sehh ta' l-imsemmi Att u cioe' sat-2 ta' Dicembru, 1997."

Illi jirrizulta li:

1. Ir-rikors gie presentat fid-29 ta' Ottubru,1997;
2. Ir-rikorrenti talab il-kjamata fil-kawza fl-4 ta' Jannar, 2000 liema talba giet milqugha mit-Tribunal fil-5 ta, Jannar;
3. L-intimati gew notifikati fit-13 ta' Jannar, 2000 u fit-3 ta' Frar, 2000 giet intavolata r-risposta fejn giet issollevata l-eccezzjoni in ezami.

Li kieku l-intimati kjamati in kawza ma issollevawx din l-eccezzjoni it-Tribunal kien jipprocedi biex jezamina it-talbiet tar-rikorrent, izda f'dan il-kaz, il-kjamati fil-kawza issollevaw din l-eccezzjoni li fil-fehma tat-Tribunal hi gustifikata ghax l-istess intimati gew kjamata tardivament. Wiehed jista' jqis li ttiehdu passi kontra l-intimati kjamati fil-kawza fl-4 ta' Jannar, 2000 li jekwivali li fil-konfront tal-imsemmija intimati ir-rikors kien qisu prezentat f'dik id-data li tmur kontra l-artikoli tal-ligi fuq citati.

L-argument tar-rikorrenti ghall-applikabilita' tal-artikoli 15 tal-Att, u l-artikolu 175 (1) tal-Kap 12 ma jwasslux ghall-validita' tar-rikors fil-konfront tal-kjamati fil-kawza. Dan l-artikolu jitkellem dwar korrezzjonijiet, izda xorta wahda t-termini iridu jigu osservati.

Jinghad pero' li l-eccezzjoni hija valida biss fil-konfront tal-kjamati fil-kawza, u mhux fil-kaz ta' l-intimat l-iehor. Ara wkoll

s-sentenza tat-Tribunal fl-ismijiet "Pauline Camilleri vs Direttur Avvjazzjoni Civili et" tat-22 ta' Gunju 2000, u Victor Caruana vs Dipartiment tax-Xogholijiet deciz fl-1 ta' Novembru, 2000 li kienu kazijiet identici. Ukoll it-Tribunal fil-kawza "Paul Formosa vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati" deciza fit-2 ta' Marzu, 2000, iddecida li korrezzjoni li taffetwa s-sustanza ma tistax ssir wara li jghaddi t-terminu imsemmi jekk ikun hemm opposizzjoni.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-kjamati fil-kawza u jilliberhom mill-osservanza tal-gudizju. Spejjez ta' din l-eccezzjoni kontra r-rikorrent.

2. Issa t-Tribunal sejjer jezamina l-eccezzjoni tas-socjeta' intimata li terminazzjoni ta' secondment jesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal.

Fil-kawza deciza mit-Tribunal fl-1 ta' Novembru, 2000 fl-ismijiet John Borg vs Kalaxlokk Company Limited intqal:

"Izda hawn wiehed irid jezamina jekk meta persuna tkun seconded u dan is-secondment jispicca, dan hux terminazzjoni jew trasferiment? Strettament is-secondment ikun spicca u ghalhekk wiehed irid jasal ghal fatt li hemm terminazzjoni ta' secondment. Izda hawn il-gudikant ghandu l-obbligu li jara jekk fil-***mens legis*** dan hux il-kaz. Meta l-legislatur ikkwalifika x'jaqa' fil-kompetenza tat-Tribunal kien qieghed idahhal certu kazijiet u mhux ohrajn u infatti t-terminazzjoni giet imhollija barra anke minhabba l-fatt li

terminazzjoni hija trattata direttament taht ligi ohra. Izda f'dan il-kaz ma hemmx terminazzjoni ta' impieg tant li r-rikorrent ma spiccax unemployed. Zgur li f'dan il-kaz ir-rikorrent ma setghax imur quddiem it-Tribunal ghar-Relazzjonijiet Industrijali biex jilmenta dwar il-kaz tieghu ghax-terminazzjoni ta' impieg ma hemmx. Li hemm huwa li minflokk li r-rikorrent baqa' assenjat doveri mal-Kumpanija spicca lura f'dipartiment, u cioe' ghal fini ta' l-Att VIII tal-1997 gie trasferit lura. Ghalhekk il-kaz jibqa' ta' kompetenza tat-Tribunal."

Ghal dawn il-motivi, jichad l-eccezzjoni sollevata mill-Kalaxlokk Company Limited. Spejjez ta' din l-eccezzjoni kontra s-socjeta' intimata.

3. It-Tribunal sejjer jghaddi issa biex jezamina eccezzjoni ohra preliminari tas-socjeta' intimata u cioe' li:

diskriminazzjoni u tortura mentali u psikologika konsistenti

a – arrest tieghu minghajr ebda raguni valida;

b – jinzamm ghall-interrogatorji minghajr ma jkun ikkommetta xejn;

c - jigi mitlub sabiex jixhed kontra persuni biex jinholoq frame up fil-konfront ta' terzi;

d – jintbaghtu nies apposta sabiex jixtru hwejjeg li kienu mizmuma fl-istores tal-Kalaxlokk li kienu jaqghu taht ir-responsabbilta' tar-rikorrent;

e – li gew imnizzla diversi charges fil-file personali tar-rikorrent li huwa qatt ma ikkommetta u ghall-liema huwa qatt ma deher quddiem xi Bord biex jirrispondi ghalihom

Fil-kawza fl-ismijiet Joseph Barbara vs Med Serv Limited et deciza fl-10 ta' Mejju, 1999 it-Tribunal qal:

F'dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta' l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) (c) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi…

Ghalhekk, salv kif ser jinghad aktar l-isfel f'dan il-paragrafu, terminazzjoni ta' impieg mhux ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal...

Dan l-ilment ghalhekk ma huwiex ta’ kompetenza ta’ dan it-Tribunal. L-istess pricipju gie applikat fil-kazi deciz mit-Tribunal fil-kaz ta’ Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta’ Mejju, 1998 li kien jikkoncerna hlas ta’ allowances mhux konnessi ma’ xi hatra jew promozzjoni, fil-kaz ta’ Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta’ Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances”, fil-kaz ta’ George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta’ Malta deciz fit-28 ta’ Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna l-ghoti ta’ medalja, fil-kaz ta’ Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta’ Jannar, 1999, li kien jikkoncerna kwistjoni dwar leave, J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta’ Marzu, 1999 li kien jikkoncerna nuqqas ta’ hlas ta’ paga.

Differenti hu l-kaz ta’ “Downgrading” li ghalkemm ma jissemmix specifikament dan it-Tribunal qiesu bhal ta’ kompetenza tieghu fil-kawza fl-ismijiet M. Micallef vs Malta Shipbuilding Company Limited deciza fl-4 ta’ Marzu 1999 minhabba li dan hu l-oppost ta’ promozzjoni.”

Issa fil-fehma tat-Tribunal arrest ta’ persuna minghajr ebda raguni valida, li persuna tinzamm ghall-interrogatorji minghajr ma tkun ikkommettiet xejn; li persuna tigi mitluba sabiex tixhed kontra persuni biex jinholoq frame up fil-konfront ta’ terzi, li jintbaghtu nies apposta sabiex jixtru hwejjeg li kienu mizmuma fl-istores tal-Kalaxlokk li kienu jaqghu taht ir-responsabbilta’ tar-rikorrent, u li gew imnizzla diversi charges fil-file personali tar-rikorrent li huwa

qatt ma ikkommetta u ghall-liema huwa qatt ma deher quddiem xi Bord biex jirrispondi ghalihom ghalkemm jistghu jammontaw ghal affarijiet koroh hafna u addirittura xi whud minnhom jistghu jkunu kriminali, dawn bhala tali, sakemm ma jissemmewx bhala prova ghal dak li hemm specifikament imsemmi fl-Att VIII tal-1997 fl-artikolu 6, ma jidhlux fil-kompetenza tat-Tribunal, u dan minhabba dak li ssemma fuq fis-sentenza imsemmija. Ara wkoll Vassallo Vincent vs Kalaxlokk Company Limited 19/10/99.

Spejjez ta' din l-eccezzjoni kontra r-rikorrent.

Il-kawza tibqa' differita ghal provi l-ohra tar-rikorrent ghat-3 ta' April, 2001 fl-10.00 a.m. b'dan li r-rikorrent ghandu jipprezenta affidavit dwar il-fatti relevanti sal-15 ta' Frar, 2001 bil-visto jew notifika tal-kontroparti.